Ġino Muscat Azzopardi wera kemm huwa mgħallem tajjeb u mħarreġ bis-sengħa għal din il-biċċa xogħol li ndaħal għaliha. Huwa mhux biss għamel traduzzjoni tal-ktieb ta' Dumas iżda kiteb din it-traduzzjoni bi stil tabilħaqq ħaj, mexxej u idjomatiku li jilħaq livell letterarju għoli: tant li din il-biċċa xogħol tista' titqies fost l-aħjar traduzzjonijiet li għandna fl-ilsien tagħna.

Il-kteb huwa stampat tajjeb, ċar u li jista' jinqara bil-ħeffa u bil-gost, u fih għamla sabiħa wkoll.

PROF. ĠUŻÈ GALEA

---

## KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR

Il-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti jixtieq jiżżi ħajr mill-qalb lis-Sinjurina Karmen Mikallef Buħaġar ta' Londra għall-għotja sabiħa ta' flus li tat dan l-aħħar biex tgħinha tissokta fil-ħidma tagħha għall-ġieħ u l-ġid ta' l-Ilsien Malti. Din mhix l-ewwel darba li s-Sinjurina Mikallef Buħaġar għenet lill-Akkademja b'għotiiet ta' flus u jixirqilha, għaldaqstant, l-istima tal-membri kollha akkademiċi kemm għal dawn il-għajnuniet kif ukoll għall-ħeġġa u l-imħabba kbira li hi għandha lejn l-Ilsien ta' Malta tagħna, l-Omm li tatna isimha.

---

### RUMANZ TA' ĠUŻÈ CHETCUTI MAQLUB GĦALL-GĦARBI

Ir-Rumanz ''L-Isqaq'' ta' Ġużè Chetcuti li fis-sena 1976 kienet saret traduzzjoni tiegħu bl-Ingliż, ''An Alley in Malta'', minn Maud Rusten, issa saret traduzzjoni oħra tiegħu, did-darba bil-Għarbi, u ġie stampat fil-Libja. It-traduttur hu Ibrahim Elnajmi. Naħsbu illi din hi l-ewwel traduzzjoni bil-Għarbi li qatt saret ta' rumanz ta' awtur Malti.



